MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 394/2004

**QORTI CIVILI – PRIM' AWLA**
**IMHALLEF**
**ONOR. DR GINO CAMILLERI LL.D.**
**SEDUTA TAL-28 ta' Gunju, 2004**
Citazzjoni Numru: 394/04
Mapa Holdings Limited (C11966)
Vs
Hite Investments Limited (C22556)

Il-Qorti,
Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta konvenuta hija debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' mija erbgha u erbghin elf u sitt mija u erbghatatx-il lira (Lm144,614.00), liema ammont jirrapresenta self moghti lis-socjeta konvenuta kif irrikonoxxut li huwa dovut fi skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-29 ta' Marzu 2004, kopja annessa u markata Dok. A;

Illi a tenur tal-imsemmija skrittura, s-socjeta konvenuta obbligat ruhha li thallas dan l-ammont sa mhux aktar tard mill-24 ta' Mejju 2004 skond skeda annessa mal-istess skrittura u cioe pagamenti kull gimgha;

Illi s-socjeta konvenuta ma hallset xejn mill-ammont dovut;
Illi s-socjeta konvenuta, debitament interpellata permezz ta' ittra ufficjali tal-21 ta' April 2004, baqghet inadempjenti.

Illi fil-fehma tal-istanti ghalhekk il-pretenzjoni taghhom ghall-hlas tas-somma indikata hija certa, likwida u dovuta u s-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghal din it-talba;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u erbgha u erbghin elf sitt mija u erbatax il-lira (Lm144,614.00) dovuta a tenur tal-iskrittura tad-29 ta' Marzu 2004 u ghar-ragunijiet kollha premessi.

Bl-ispejjez inklusi dawk tal-ittra ufficcjali tal-21 ta' April 2004 kontra l-konvenuta oltre imghaxijiet min-notifika tal-ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;
Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;
Fuq ammisjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------